**Laqgha tal-Kumitat Amministrattiv tal-Madliena nhar**

**l-Erbgha 23 ta' Novembru 2016 fl- 5.00pm**

**Prezenti:**

**Mary Anne Abela - Chairperson**

**Simon Stilon – Deputy Chairperson**

**Godfrey Leone Ganado – Membru**

**Theresa Valentino – Membru**

**Asha Caroline Caruana – Membru**

---

**Ic-Chairperson qalet it-talba.**

## I APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

Il-minuti tas-Seduta Nru.24 gew moqrija u approvati. Il- Vici Chairperson ippropona u ic-Chairperson ssekondat.

## II PUNTI LI JOHORGU MILL-MINUTI

1. Ic-Chairperson infurmat li kellha laqgha dwar il-funtana mal-kuntrattur ikkoncernat fejn dan weighed li ser jibghat kwotazzjoni gdida peress li nbiddlu xoghlijiet rikjesti minnu.

2. Ic-Chairperson infurmat li ser taghmel kuntatt mal-Perit tal-Kunsill dwar stima sabiex jinghata tarmak hdejn il-villel b'isem ta' Madliena Ridge fi Triq il-Madliena. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

3. Il-Kumitat talab sabiex jekk hu possibli tintbaghat talba ufficjali lit-TM sabiex tigi installata traffic calmer fi Triq il-Perkusur, Madliena. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

4. Ic-Chairperson infurmat lill-Kumitat li wara hafna tahbit u kuntatti, id- Dipartimet ta' l-Artijiet bghat l-ittra ta' kunsens li kienet rikjesta mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali sabiex dan il-Kumitat flimkien mal-Kunsill jibbenefika mill-iskema ta' restawr tal-Forti Madalena. Is- Segretarju Ezekuttiv informa li din intbaghtet mal-ewwel lis- Sinj. Camilleri Aquilina.

5. Il-membru G. Leone Ganado ssugerixxa li ssir laqgha mad-Direttur tad-Dipartiment ta' l-artijiet sabiex tigi diskussa l-possibilta' li fil-futur qarib jsiru xi xoghlijiet ta' restawr u manutenzzjoni fil-Forti Maddalena sabiex din ma tithallix fi stat ta' abbandun.

6. Il-Kumitat gie nfurmat li c-Chairperson ha taghmel kuntatt mas- Sur S. Mallia mil-LESA rigward il-possibilta' li jigu nstallati CCTV Cameras fi Triq il-Madliena. Hija nfurmat ukoll li fis-seduti li jmiss, se tipprovdi aktar informazzjoni.

7. Il-membru T. Valentino nfurmat dwar li hemm bzonn jigu mibdula xi sinjali ta' traffiku fi Triq il-Madliena. Il-membru G. Leone Ganado gentilment offra sabiex jiltaqa' mal-kuntrattur.

8. Ic-Chairperson infurmat li l-Health Department ma ghadhomx access sabiex jidhlu fil-Medical Stores f' Ta' Stronka peress li c-cweievet kienu tawhom lura fis-sena 2014. Hija nfurmat wkoll li peress li fil-maltemp waqa' cint tal-Medical Stores, f'kaz li r-residenti ta' Triq il-Gmiel jkollhom emergenza ha tkun kwazi impossibli li tghaddi ambulanza jew vettura ohra simili Hija nfurmat li qieghda f'kuntatt ma' Direttur ta' l-enforcement.

| | |
|---|---|
| Mary Anne Abela | Hugh Zammit |
| Chairperson | Segretarju Ezekuttiv |

## III RAPPORT MIC-CHAIRPERSON

1. Il-Kumitat gie nfurmat li l-laqgha li saret ghar-residenti kienet wahda ta' success u qajmet interess specjalment rigward il-Madliena Opportunity site u Ta' Stronka Medical Stores. Hija infurmat li hemm numru ssotanzjali ta' residenti li ssottomettew sottomissjonijiet taghhom u ta' dan hija tiringrazzjahom hafna tal-kooperazzjoni u s-sapport li urew. Hija infurmat li r-rapporti li gew preparati minn dan il-Kumita permezz ta' l-ghajnuna siewja tal-Periti A. Velntino u E. Rossignaud gew mibghuta wkoll lill-Prim Ministru u lil diversi ministri ohra li tahthom taqa' din il-materja. Hija nfurmat li fuq il-pagna ta' facebook tal-Kumitat kien hemm madwar 200 post minn residenti dwar din l-istess materja.

2. Rigward il-Madliena Opportunity site, ic-Chairperson infurmat li saret laqgha ma' l-izvillupaturi u mal-Perit taghhom fejn dawn spjegaw fid-dettal l-applikazzjoni taghhom. Wara diskuzzjoni fit-tul u li fiha ppartecipaw wkoll il-Periti A. Valentino u E. Rossignaud, gie mitlub lill-izvillupaturi li jikkunsidraw it-talbiet li qed iressaq dan il-Kumitat flimkien mal-Kunsill. Il-membri ta' dan il-Kumitat ikkonermaw li se jkunu qed joggezzjonaw ghal dan il-progett.

3. Hija rringrazzjat lill-Membru C. Asha Caruana u lill-haddiema tal-Kunsill ghall-efficjenza sabiex tigi mplimentata s-sistema tal-WEEE trolley biex jingabar skart eletronku zghir fl-ufficini tal-Kunsill.

## IV RAPPORTI MILL-MEMBRI

<u>Mill-Vici Chairperson</u>

1. Il-Vici Chairperson informa li x'aktarx se jkun hemm il-bzonn li tinhareg sejha ghall-oferti sabiex jinxtraw u jigu installati ic-CCTV Cameras. Huwa nforma li se jipprovdi aktar dettalji fis-seduti li jmiss.

2. Huwa nforma wkoll li b'kolloborazzjoni mal-Kunsill Lokali tas-Swieqi, is-sistema ta' Neighbour Hood Watch qieghda tigi organizzata.

3. Ic- Chairperson irringrazzjatu tal-hin li offra sabiex iwettaq dan il-progett li tant hu ta' bzonn ghall-Madliena.

4. Il-Kumitat gie nfurmat li sfortunatament waqghet parti ohra mill-kamra li hemm fi Triq il-Harrub. Il-Kumitat talab sabiex tintalab stima ta' l-ispiza involuta biex tinbena mill-gdid din il-kamra.

5. Il-Vici Chairpersom staqsa jekk kienx hemm xi zvilluppi rigward il-hajt li inbena fil-masagar tal-Forti Maddalena. Is- Segretarju Ezekuttiv informa li ta' kull gimgha qed jibghat reminders lill-PA u dawn jinfurmaw li l-Enforecment Officer ghadu qed jinvestiga.

| | |
|---|---|
| Mary Anne Abela | Hugh Zammit |
| Chairperson | Segretarju Ezekuttiv |

## IV RAPPORTI MILL-MEMBRI – ikomplu

Mill-Membru T. Valentino

1. Il-Membru infurmat li hemm xi sigar fi djar private fi Triq il-Perkursur u Triq Zejni li ghandhom bzonn jinzabru mmedjatament peress li joholqu ostaklu ghal kull min jkollu bzonn jghaddi minn fuq il-bankina. Is- Segretarju Ezekuttiv informa li se jaghmel kunttat mas-sidien.

2. Hija ssugerriet sabiex jekk hu possibli tinkiteb ittra lill-Malta Public Transport dwar jekk hux possibli li t-transport pubbliku jghaddi kull 30 minuta minnflokk kull 20 minuta u sabiex dan kemm jista jkun izomma ma' l-iskeda u l-frekwenza stipulata. Hija ssugeriet ukoll li f' din l-istess talba, jigu mitluba wkoll sabiex issuqu b' mod responsabli f'kull hin.

Mill-Membru G.Leone Ganado

1. Il-Membru nforma li diversi trakkijiet qed ikomplu jghaddu minn Triq il-Majjistral avolha huma ga nfurmati li dan mhux permess. Huwa ta' spiss qed jircievi ritrtatti u filmati fejn juru bic-car dawn il-vetturi kbar ghaddejin. Is- Sehretarju Ezekuttiv nforma li dawn ir-ritratti ghaddew ghand il-Pulizija tas-Swieqi. Ghaldaqstant, huwa ssugerixxa sabiex jergghu jigu nfurmati LESA rigward din il-problema.

Din il-laqgha spiccat fis-7.30pm u sar aggornament ghal nhar l-Erbgha 11 ta' Jannar 2016 fil-5.00pm. Kien hemm qbil unanimu minn dawk prezenti.

| | |
|---|---|
| Mary Anne Abela | Hugh Zammit |
| Chairperson | Segretarju Ezekuttiv |